MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2012

Numru 726/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**Vs**

**Maria Elena Bonnici detentrici tal-karta tal-identita 431778M bien Alfred u Paula nee` Farrugia residenti Block C3, Flat 2, Ta’ Paris, Birkirkara, imwielda fl-20 ta’ Awissu 1978, Pieta**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputata li giet akkuzata talli fil-Luknda Bugibba Hotel li tinsab fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar u f’dawn il-Gzejjer fil-15 ta’ Lulju 2012 u ix-xhur ta’ qabel b’diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew

maghmula b'risoluzzjoni wahda ikkommettiet serq ta' flus kontanti li jammontaw ghal ammont totali ta' inqas minn €2,329.37 izda aktar minn €23.29 ghad-detriment tal-kumpanija TBH Hotel, Vassallo Builders Co. Ltd, Alexandra Cristova D.O.B. 08/05/1987; Maria Marcet Recolons D.O.B: 19/08/1997; Carlota Camino I Recolons D.O.B: 19/05/1987; Alexandra Kacvinska D.O.B: 04/04/1998; Polina Goncharova D.O.B: 28/01/1999; Peter William D.O.B: 11/11/1934; Dimitri Iaroshenko D.O.B: 05/12/1995; Anatoly Zolotarev D.O.B: 14/10/1998; Daria Tsyganiy D.O.B: 24/08/2000 u/jew persuni ohra, u dan aggravat bil-mezz, persuna u valur.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputata liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputata inghatat zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata u l-fedina penali nadifa taghha, l-koperazzjoni tal-imputata mal-pulizija u l-fatt illi l-imputata ghandha problemi f'hajjitha li jridu jigu indirizzati minnufih.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(b)(d)(c), 267, 263(a) u 268(c) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tqieghed lill-hatja taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett(3) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-imputata bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tonqos milli ssegwi xi kundizzjoni imposta fuqha f'din l-ordni jew jekk tonqos li ssegwi xi ordni mghotija lilha mill-Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti finalment tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------